



Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, il-11 ta' Settembru 2018

It-tniġġis tal-arja: is-saħħa taċ-ċittadini tal-UE għadha mhix qed tiġi protetta biżżejjed, iwissu l-Awdituri

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-azzjoni tal-UE għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem mit-tniġġis tal-arja ma wasslitx l-impatt mistenni tagħha. Kull sena, it-tniġġis tal-arja jikkawża madwar 400 000 każ ta' mewt prematur fl-UE u spejjeż esterni relatati mas-saħħa li jammontaw għal mijiet ta' biljuni ta' euro. Madankollu, l-awdituri jwissu li dawn l-ispejjeż sinifikanti ta' natura umana u ekonomika għadhom ma ġewx riflessi f'azzjoni adegwata fil-livell tal-Unjoni. Huma jgħidu wkoll li l-materja partikolata, id-diossidu tan-nitroġenu u l-ożonu troposferiku huma s-sustanzi li jniġġsu l-arja responsabbli għall-biċċa l-kbira minn dawn l-imwiet bikrija u li l-persuni li jgħixu f'żoni urbani huma partikolarment esposti għal dan.

Id-Direttiva tal-2008 dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent hija l-pedament tal-politika tal-UE dwar l-arja nadifa, peress li tistabbilixxi l-istandards tal-kwalità tal-arja f'dak li jirrigwarda l-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja. L-awdituri vvalutaw it-tfassil tad-Direttiva, kif ukoll jekk l-Istati Membri kinux implimentawha b'mod effettiv u l-mod kif il-Kummissjoni mmonitorjat u infurzat l-implimentazzjoni tagħha. Barra minn hekk, huma vvalutaw jekk il-kwalità tal-arja ġietx riflessa b'mod adegwat f'politiki oħra tal-UE u jekk ġietx appoġġata biżżejjed mill-fondi tal-UE, kif ukoll jekk il-pubbliku ġiex infurmat tajjeb dwar kwistjonijiet relatati mal-kwalità tal-arja.

"It-tniġġis tal-arja huwa l-akbar riskju ambjentali għas-saħħa fl-Unjoni Ewropea," qal Janusz Wojciechowski, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. "F'dawn l-aħħar deċennji, il-politiki tal-UE kkontribwew għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, iżda l-kwalità tal-arja ma tjiġbitx bl-istess rata u għad hemm impatti konsiderevoli fuq is-saħħa pubblika."

L-istandards tal-UE dwar il-kwalità tal-arja ġew stabbiliti kważi 20 sena ilu, u l-awdituri sabu li xi wħud minnhom huma ħafna aktar dgħajfa mil-linji gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u minn dak li tirrakkomanda l-evidenza xjentifika l-aktar reċenti. Skont l-awdituri, filwaqt li l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja qed jonqsu, il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri għadhom mhumiex konformi mal-istandards tal-UE dwar il-kwalità tal-arja u mhux qed jieħdu biżżejjed azzjoni effettiva biex itejbu l-kwalità tal-arja.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu

@EUAuditors

eca.europa.eu

Hemm ukoll ir-riskju li t-tniġġis tal-arja ma ġiex stmat b'mod suffiċjenti minħabba li forsi ma ġiex immonitorjat fejn suppost. Il-Pjanijiet dwar il-Kwalità tal-Arja – rekwiżit ewlieni skont id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent – spiss ma tawx ir-riżultati mistennija tagħhom.

Il-monitoraġġ li l-Kummissjoni Ewropea twettaq fuq il-prestazzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-ilfuq tal-miri relatati mal-kwalità tal-arja, għandu ċerti limitazzjonijiet. Sa issa, il-proċeduri ta' infurzar tagħha għadhom ma żgurawx li l-Istati Membri jkunu konformi mal-limiti tal-kwalità tal-arja stabbiliti bid-Direttiva. Skont l-awdituri, minkejja li l-Kummissjoni ħadet azzjonijiet legali kontra bosta Stati Membri u kisbet deċiżjonijiet favorevoli, l-Istati Membri xorta waħda għadhom jonqsu ta' spiss milli jirrispettaw il-limiti tal-kwalità tal-arja.

L-awdituri josservaw li l-finanzjament mill-UE għall-kwalità tal-arja jista' jipprovdi appoġġ utli, iżda li l-proġetti ffinanzjati mhux dejjem ikunu mmirati tajjeb biżżejjed. Matul iż-żjarat tagħhom fl-Istati Membri huma fil-fatt raw eżempji ta' proġetti tajbin – b'mod partikolari fost dawk appoġġati mill-programm LIFE tal-UE.

It-tniġġis tal-arja huwa problema ta' saħħa pubblika serja ħafna, u s-sensibilizzazzjoni u l-informazzjoni tal-pubbliku għandhom rwol kruċjali biex dan jiġi indirizzat, jgħidu l-awdituri. Reċentement, iċ-ċittadini qed ikunu aktar involuti fi kwistjonijiet relatati mal-kwalità tal-arja u ressqu każijiet quddiem il-qrati nazzjonali, li f'bosta Stati Membri, iddeċidew favur id-dritt tagħhom li jkollhom arja nadifa. Madankollu, l-awdituri sabu li d-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent tipproteġi l-aċċess taċ-ċittadini għall-ġustizzja b'mod inqas espliċitu minn ċerti Direttivi ambjentali oħra. Huma jgħidu li l-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja li tqiegħdet għad-dispożizzjoni taċ-ċittadini ma kinitx dejjem ċara.

Biex isir titjib fil-kwalità tal-arja fl-UE, l-awdituri jirrakkomandaw li:

- il-Kummissjoni Ewropea tiegħu azzjoni aktar effettiva;
- id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent tiġi aġġornata;
- il-politika dwar il-kwalità tal-arja tiġi prijoritizzata u integrata f'politiki oħra tal-UE;
- isir titjib fis-sensibilizzazzjoni u l-informazzjoni tal-pubbliku.

Noti lill-Edituri

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet interessati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati mis-settur tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li nagħmlu fir-rapporti tagħna jiddaħħlu fil-prattika. Il-fatt li dan isir daqshekk ta' spiss jissottolinja l-benefiċċju tax-xogħol tagħna għaċ-ċittadini tal-UE.

Ir-Rapport Speċjali Nru 23/2018 "It-tniġġis tal-arja: Saħħitna għadha mhix qed tiġi protetta biżżejjed" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.